*meta operatur japplika biex jingħata biċċa art pubblika fejn ipoġġi mwejjed u siġġijiet bl-iskop li jkabbar in-negozju tiegħu, ser ikun hemm numru ta' persuni oħra, inkluż il-pubbliku in ġenerali, li ser jisfaw imċaħħda mill-użu ta' din l-art. Fil-każ odjern l-Awtorità tal-Artijiet waslet għall-konklużjoni li m'għandhiex talloka aktar art pubblika għat-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet, għaliex dik l-istess art hija meħtieġa minn diversi persuni oħra li jridu jipparkjaw fl-inħawi u mid-diversi* suppliers *li jridu jwasslu l-merkanzija lis-*supermarket *li hemm fl-inħawi –l-prinċipju* ceribus paribus *japplika biss fejn is-sitwazzjonijiet li qegħdin jitqabblu huma identiċi għal xulxin,* 'all things being equal', *u mill-provi prodotti jirriżulta li s-sitwazzjonijiet li tagħmel riferiment għalihom is-soċjetà appellanta mhumiex identiċi għall-każ tagħha, anki jekk simili għal xulxin*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' Lulju, 2021

Appell Inferjuri Numru 39/2020/1 LM

**Budget Services Limited (C 12855)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**L-Awtorità tal-Artijiet**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Budget Services Limited (C 12855)**, hawnhekk 'l-appellanta', minn deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni

Amministrattiva [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’], tal-10 ta’ Diċembru, 2020 [minn issa ’l quddiem ‘is-sentenza appellata’], li permezz tagħha t-Tribunal ċaħad l-appell tar-rikorrenti mid-deċiżjoni tal-intimata **Awtorità tal-Artijiet**, hawnhekk ‘l-appellata’, komunikata lilha permezz ta’ ittra datata 17 ta’ Marzu, 2020, fejn giet infurmata illi l-applikazzjoni tagħha għal *“encroachment permit for placing of tables, chairs and umbrellas on site at Wesgħet Ġużi Tanti, San Ġiljan”,* kienet qiegħda tiġi rifjutata, u għadda biex jilqa’ l-eċċezzjonijiet ippreżentati mill-Awtorità intimata.

**<u>Fatti</u>**

2. Is-soċjetà rikorrenti talbet lill-Awtorità intimata li tingħata *encroachment permit* għat-tqegħid ta’ mwejjed, siġġijiet u umbrelel f’art pubblika magħrufa bħala ‘Wesgħet Ġużi Tanti’, San Ġiljan [minn issa ’l quddiem ‘is-sit’]. Permezz ta’ deċiżjoni komunikata lilha fis-17 ta’ Marzu, 2020, is-soċjetà rikorrenti ġiet mgħarrfa li l-Awtorità intimata kienet ċaħdet it-talba tagħha għaliex: (i) is-sit jifforma parti minn *car park,* b’għadd ta’ spazji għall-parkeġġ tal-vetturi; (ii) hemm *unloading bay* viċin il-parkeġġ; (iii) is-sit ma jinsabx quddiem l-istabbiliment inkwistjoni; (iv) it-tqegħid ta’ mwejjed u siġġijiet fis-sit ser jikkawża l-imblukkar ta’ passaġġ. Is-soċjetà rikorrenti ħasset ruħha aggravata b’din id-deċiżjoni u intavolat appell minnha quddiem it-Tribunal. Fir-rikors tal-appell tagħha quddiem it-Tribunal, is-soċjetà rikorrenti qalet li l-Awtorità intimata aġixxiet *ultra vires* il-poteri tagħha għaliex uħud mill-konsiderazzjonijiet li wasslu għad-deċiżjoni tagħha, huma materji li għandhom jiġu deċiżi mill-Awtorità tal-Ippjanar u minn entitajiet governattivi oħra u mhux mill-Awtorità

tal-Artijiet. Qalet li għalhekk l-Awtorità intimata ddeċidiet dwar materji li jmorru oltre l-kompetenza tagħha. Is-soċjetà rikorrenti qalet li f'kull każ, id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata hija nulla u bla effett stante li tmur kontra l-liġi u kontra kull dettam illi l-Bord b'funzjoni kważi-ġudizzjarja għandu jsegwi fid-determinazzjoni ta' materji mressqa quddiemu, u dan għaliex id-deċiżjoni hija difettuża fil-proċedura, hija nieqsa mill-firma tal-membri tal-Bord li ddeċidewha, u ttieħdet fil-magħluq. Is-soċjetà rikorrenti qalet ukoll li din id-deċiżjoni hija nieqsa minn kull motivazzjoni li tista' twassalha tifhem kif u abbażi ta' liema *policies* u prinċipji ttieħdet, u fi kwalunkwe każ din id-deċiżjoni hija nulla stante li hija diskriminatorja fil-konfront tal-appellanta. Is-soċjetà rikorrenti qalet li dak mitlub minnha mhu ser joħloq l-ebda periklu, u l-kwistjoni tal-parkeġġ tal-vetturi hija materja regolata permezz tal-*policy guidance and standards for outdoor catering areas on public open spaces* u t-talba hija konformi mal-istess.

**<u>Mertu</u>**

3. Permezz tar-rikors tagħha quddiem it-Tribunal, is-soċjetà rikorrenti talbet għat-tħassir tad-deċiżjoni tal-Awtorità intimata tas-17 ta' Marzu, 2020.

4. L-Awtorità intimata wieġbet li d-deċiżjoni tagħha komunikata lis-soċjetà rikorrenti permezz ta' ittra tas-17 ta' Marzu, 2020, kienet tinkludi erba' raġunijiet motivati għad-deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni tas-soċjetà rikorrenti, jiġifieri: (1) *site forms part of car park, limiting parking space;* (2) *unloading bay next to parking;* (3) *not in front of catering establishment* u (4)

*blocking of exit.* Spjegat li bħala awtorità hija għandha l-funzjoni li "tamministra l-art pubblika bl-aktar mod assolut, sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u ta' kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika". Żiedet tgħid li għalhekk hija kellha l-jedd u d-dmir legali li tagħmel u tieħu l-konsiderazzjonijiet kollha sabiex tamministra dan is-sit partikolari bl-aħjar mod, għaliex is-sit huwa proprjetà tal-Gvern ta' Malta. L-awtorità intimata spjegat li mhux minnu li d-deċiżjoni tagħha hija *ultra vires* għaliex kemm id-deċiżjoni tagħha kif ukoll ir-raġunijiet wara dik id-deċiżjoni, jaqgħu fl-ambitu tar-rwol tagħha bħala Awtorità, kif afdat lilha permezz tal-Kap. 563 u l-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Kompliet tgħid li anki jekk uħud mill-funzjonijiet jistgħu jiġu attribwiti lil awtoritajiet oħra, ir-rwol tagħha li taċċerta li l-art pubblika tiġi amministrata bl-aħjar mod, qatt ma jista' jiġi eskluż. Qalet li l-kriterji li abbażi tagħhom ittieħdet id-deċiżjoni tagħha ma jmorrux oltre l-kompetenza tagħha. B'riferiment għat-tielet aggravju tas-soċjetà rikorrenti, l-Awtorità intimata qalet li d-deċiżjoni tagħha hija waħda ta' natura amministrattiva, u mhux ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja, għaliex il-funzjoni tal-Awtorità nnifisha hija waħda amministrattiva. Qalet ukoll li l-leġiżlatur ikkostitwixxa t-Tribunal sabiex jassigura d-dritt xieraq li wieħed ikun jista' jikkontesta deċiżjonijiet amministrattivi. Żiedet tgħid li d-deċiżjoni tagħha kienet tissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-liġi għaliex kienet iffirmata minn rappreżentant tal-istess Awtorità li kien awtorizzat jaġixxi f'isimha. L-Awtorità intimata kompliet tgħid li hija tat raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha, liema raġunijiet kienu motivati biżżejjed biex iwasslu lis-soċjetà rikorrenti tifhem x'kienu l-prinċipji u l-motivazzjonijiet wara d-deċiżjoni tagħha. B'riferiment għall-allegazzjoni tas-soċjetà rikorrenti li f'dan il-każ kien hemm diskriminazzjoni, l-Awtorità intimata qalet li t-Tribunal m'għandux jiddeċiedi

dwar kwistjonijiet marbuta ma' diskriminazzjoni. Qalet ukoll li d-deċiżjoni tagħha ttieħdet b'rispett lejn il-prinċipji tar-raġonevolezza, u d-deċiżjoni tagħha ma tistax titqies li hija illeġittima u irraġonevoli sempliċiment għaliex m'għoġbitx lis-soċjetà rikorrenti.

5. Ix-xhud **Kenneth Dingli**, *case officer* fl-Awtorità tal-Artijiet, fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal spjega li s-soċjetà rikorrenti kienet applikat sabiex tingħata permess tqiegħed imwejjed u siġġijiet barra l-istabbiliment tagħha, u l-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet ma kienx laqa' din it-talba tagħha. Ix-xhud qal li bħala *case officer* huwa kien ħejja rapport, li ħa konsiderazzjoni tal-*area* tal-*encroachment permit* li ġie mitlub, u tal-permessi li nħarġu fil-viċin. F'seduta sussegwenti, l-istess xhud ippreżenta dokumenti bl-*encroachment permits* kollha li l-Awtorità intimata ħarġet miż-żona tal-Balluta, sal-inħawi fejn jinsab l-istabbiliment tas-soċjetà rikorrenti. F'seduta sussegwenti l-istess xhud ippreżenta kopja ta' pjanta tas-sit li tindika bi preċiżjoni l-applikazzjoni għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet mis-soċjetà rikorrenti, fuq liema parti mis-sit saret. Ix-xhud spjega li b'differenza minn stabbiliment ieħor li hemm fl-inħawi, is-City of London, l-applikazzjoni tas-soċjetà rikorrenti saret rigward parti minn *parking area* b'entratura u *b'exit sign,* u fuq din l-art hemm ukoll *unloading bay* għas-*suppliers* ta' supermarket li hemm fl-inħawi. Ix-xhud spjega li l-*parking area* tesa' madwar għaxar vetturi, u l-*unloading bay* inkwistjoni hija maħsuba biex isservi s-*supermarket* Park Towers li hemm fl-inħawi. Qal li bit-talba mressqa mis-soċjetà rikorrenti, kienet ser tinħoloq sitwazzjoni fejn l-imwejjed u siġġijiet tar-rikorrenti kienu ser jitpoġġew f'żona maħsuba għat-trakkijiet li jwasslu l-provvisti lis-*supermarket,* u li għandhom post allokat għalihom fejn

jistgħu jħottu l-provvisti tagħhom. Ix-xhud qal li wħud mill-konsiderazzjonijiet tal-Awtorità qabel ittieħdet id-deċiżjoni finali dwar it-talba tas-soċjetà rikorrenti, kienu li fil-parkeġġ inkwistjoni spiss jgħaddu sewwieqa jfittxu post ta' parkeġġ, u għalhekk ikun diffiċli għall-*waiters* li jaqsmu t-triq kull darba biex iservu persuni li jkunu qegħdin bilqiegħda fejn is-soċjetà rikorrenti trid tagħmel l-imwejjed u siġġijiet. Ix-xhud spjega wkoll li l-*unloading bay* tinsab biswit is-sit li applikat għalih is-soċjetà rikorrenti.

## Is-Sentenza Appellata

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-10 ta' Diċembru, 2020, it-Tribunal iddeċieda li l-appell tar-rikorrenti mid-deċiżjoni tal-Awtorità intimata għandu jiġi miċħud, filwaqt li laqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi s-soċjetà rikorrenti ħassitha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorità intimata komunikata lilha permezz ta' ittra datata 17 ta' Marzu, 2020 fejn ġiet infurmata illi l-applikazzjoni tagħha għal '*encroachment permit for placing of tables, chairs and umbrellas on site at Wesgħet Ġużi Tanti, San Ġiljan', *kienet qed tiġi rifjutata għar-raġunijiet segwenti:-*
>
> ***1 Site forms part of a car park, limiting parking spaces***
> ***2 Unloading bay next to parking***
> ***3 Not in front of catering establishment***
> ***4 Blocking of exit***
>
> *Illi dan it-Tribunal se jibda biex jittratta r-raba' aggravju tar-rikorrent stante li fil-fehma tiegħu huwa wieħed preliminari, u ċioe, illi d-deċiżjoni appellata hija nieqsa minn kull motivazzjoni li twassal lir-rikorrent jifhem kif u a bażi ta' liema policies u prinċipji l-istess deċiżjoni ttieħdet. Illi t-Tribunal ma jaqbilx ma' dan l-aggravju stante li d-deċiżjoni appellata tidher li hi ben motivata b'mhux anqas minn erba' raġunijiet li*

*ma tantx trid spjegazzjoni biex tifhimhom. Illi dment li r-raġunijiet ikunu ċari, jiftiehmu u konsistenti, dan it-Tribunal ma jarax illi d-deċiżjoni tkun mankanti minn motivazzjoni. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.*

*Illi r-rikorrent ressaq ukoll żewġ aggravji oħra fejn saħaq illi bid-deċiżjoni tagħha l-Awtorità intimata aġixxiet* ultra vires *il-poteri tagħha stante illi r-raġunijiet imsemmija fid-deċiżjoni huma materji li jiġu deċiżi fil-proċess tal-Awtorità tal-Ippjanar. Illi għal darb'oħra dan it-Tribunal ma jaqsamx l-istess fehma. Illi* ai termini *tal-artikolu 7(2)(ċ) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Awtorità intimata għandha d-dmir li* "**tamministra bl-aktar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta** u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika bħall-perimetru tal-kosta, ix-xtut, portijiet, mollijiet, puntuni, portbeaches, postijiet ta' nżul, irmiġġi, kanali, akwadotti, lagi, spieri naturali, irdum, widien, pjazez pubbliċi, toroq, sqaqien, korsiji, rotot ta' aċċess għall-postijiet pubbliċi oħra inkluż dawk li jwasslu għall-perimetru tal-kosta, boskijiet, parki, żoni ta' importanza ekoloġika jew ambjentali u s-siti ta' importanza kulturali, soċjali, jew storiċi."

*Illi fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal huwa fil-kompetenza tagħha li l-Awtorità intimata tara li d-deċiżjonijiet tagħha ikunu in linea mal-istess doveri imposti fuqha bil-liġi. Huwa dover tagħha li tara li l-art pubblika isir l-aħjar użu minnha.*

*Illi fil-każ in eżami ġie argumentat ukoll illi kull mhu se jittieħdu huma żewġ (2)* parking bays *u li ftit metri 'l bogħod mill-istess* car park *hemm stabbilimenti oħrajn li ġew konċessi li jpoġġu imwejjed u siġġijiet fuq parking bays. Illi l-kwistjoni ta' diskriminazzjoni se tiġi ttrattata fi stadju ulterjuri. F'dan l-istadju t-Tribunal se jittratta biss jekk id-deċiżjoni appellata kinitx waħda* ultra vires.

*Illi f'dan il-każ partikolari l-Awtorità intimata ħasset illi l-aħjar użu li jista' jsir mill-art mitluba b'*encroachment *huwa li jipparkjaw il-vetturi u mhux li jitpoġġew imwejjed u siġġijiet. Illi ma hemm xejn irraġonevoli jew* ultra vires *f'tali deċiżjoni, iktar u iktar meta wieħed jikkonsidra l-area in kwistjoni hija waħda li tattira ammont konsiderevoli ta' vetturi u li l-ispazju ta'* parking *huwa wieħed limitat. It-Tribunal jista' jifhem illi Awtoritajiet oħra jista' jkollhom kompetenza parallella u/jew kumplimentari. B'dana kollu ma jfissirx illi l-Awtorità intimata trid tabdika minn xi dmir tagħha għaliex hemm Awtorità oħra li tista' għandha kompetenza parallela. It-Tribunal huwa tal-fehma illi stante li l-art hija waħda pubblika, l-Awtorità intimata għandha teżerċita bis-sħiħ id-doveri tagħha għall-ħarsien tal-aħjar użu tal-art pubblika u għaldaqstant f'dan il-każ kienet qiegħda taġixxi entro l-parametri li trid il-liġi. Kwindi dan l-aggravju qiegħed ukoll jiġi miċħud.*

*Illi permezz tat-tielet aggravju, ir-rikorrent saħaq li d-deċiżjoni appellata hija nulla u bla effett stante li tmur kontra l-Liġi u kif ukoll kontra kull dettam illi Bord ġudizzjarju jew kważi ġudizzjarju għandu jsegwi fid-determinazzjoni ta' materji mressqa quddiemu. Illi dan it-Tribunal jissottolinea illi l-Awtorità intimata la hi Bord ġudizzjarju u lanqas kważi ġudizzjarju, iżda hija Awtorità regolatriċi fejn jidħlu kwestjonijiet ta' amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika. Kwindi, id-deċiżjonijiet tagħha dejjem iridu jkunu raġonevoli u fil-limiti tal-poteri mogħtija lilha, però mhix marbuta li d-deċiżjonijiet tagħha jittieħdu f'seduti pubbliċi. Illi lanqas ma hu mistħoqq l-aggravju tar-rikorrent illi d-deċiżjoni hija difettuża stante li hi nieqsa mill-firma tal-membri tal-Bord li ddeċidewha. Illi r-rikorrenti ġiet infurmata b'deċiżjoni li kif spjega Kenneth Dingli ġiet meħuda minn Kumitat imwaqqaf apposta, liema deċiżjoni sussegwentement ġiet notifikata lis-soċjetà rikorrenti. Id-deċiżjoni kif kontenuta fl-ittra tas-17 ta' Marzu, 2020 iġġib il-firma ta' Kenneth Dingli għan-nom tal-Awtorità intimata. Fl-opinjoni tat-Tribunal dan huwa suffiċjenti biex l-Awtorità intimata tassumi r-responsabbilità ta' tali deċiżjoni. Illi għalhekk dan it-Tribunal ma jarax li dan l-aggravju għandu jiġi milqugħ.*

*Illi permezz tal-ħames aggravju, ir-rikorrenti jisħaq illi d-deċiżjoni appellata hija waħda diskriminatorja fil-konfront tiegħu u għaldaqstant hija nulla u bla effett. Dan l-aggravju jemerġi mill-fatt illi kif ġia ingħad aktar 'il fuq viċin tal-istabbiliment in kwistjoni hemm negozji oħra li għandhom permess għat-tpoġġija ta' imwejjed u siġġijiet fuq art pubblika, preċiżament fuq* parking bays. *Dan l-aggravju huwa marbut ukoll mal-fatt illi stabbilimenti oħra ngħataw konċessjonijiet mill-Awtorità intimata għalkemm l-art mogħtija b'*encroachment *mhux qiegħda eżattament quddiem l-istabbiliment kummerċjali. Illi dwar dan il-fatt inġabu provi li esebiethom l-istess Awtorità intimata fuq talba tar-rikorrent.*

*Illi minn dawn il-provi verament jirriżulta dak allegat mir-rikorrent. Però minkejja li jeżistu tali sitwazzjonijiet, it-Tribunal huwa tal-fehma illi dan ma jinvalidax id-deċiżjoni appellata u dan kif se jiġi spjegat. Illi jibda biex jingħad illi jekk l-Awtorità intimata mhux qiegħda tkun konsistenti fl-applikazzjoni tal-*policies *tagħha qiegħda toħloq konfużjoni u frustrazzjoni fost il-persuni li japplikaw sabiex jingħataw* encroachment. *Huwa ovvju li l-persuni li t-talba tagħhom tiġi miċħuda iħossuhom aggravati mill-fatt li każ identiku jew kważi identiku għal tagħhom ingħata permess. Dan ma jfissirx illi f'dawk il-każijiet l-Awtorità intimata aġixxiet korrettement u aderixxiet ruħha mal-obbligi tagħha a tenur tal-artikolu 7(2)(ċ) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi anke jekk għall-grazzja tal-argument, l-Awtorità intimata ħarġet tali* encroachment permits *dan it-Tribunal iqis li fil-każ preżenti imxiet korrettement u jekk imxiet mod ieħor f'każijiet identiċi allura hemm azzjonijiet oħra x'tista' tagħmel is-soċjetà*

*rikorrenti. Illi kif intqal korrettement fil-kawża* ***Ignatius Attard vs Il-Kummissjoni għall-Kontroll tal-Iżvilupp*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Mejju, 2004:*

*"*Inoltre l-fatt illi setgħu ħarġu xi permessi li kienu in vjolazzjoni tar-regoli dwar l-ippjanar ma jfissirx iilli tali regoli ikunu spiċċaw u b'hekk jistgħu jinħarġu permessi oħra li jmorru kontra dawk ir-regoli. Kif spjegat l-Onorabbli Qorti fis-sentenza '**Alfred Cauchi *vs* Chairman tal-Awtorità tal-Ippjanar'** (deċiżjoni tal-15 ta' Diċembru, 1997 – Appell Numru 74/97) il-fatt illi terzi persuni kienu ngħataw permess sabiex jibnu in eċċess tal-*height limitation* ma kienx jintitola applikant ieħor li jingħata permess biex jibni oltre tali *height limitation* stante li l-Qrati qatt ma jistgħu jissanzjonaw illegalità."

*Kwindi t-Tribunal qiegħed jiċħad dan l-aggravju però jawspika illi d-deċiżjonijiet tal-Awtorità intimata fejn jidħlu każijiet simili jew addirittura identiċi ikunu konsistenti.*

*Illi permezz tas-sitt aggravju r-rikorrenti tisħaq illi dak propost minnha mhu se jikkreja l-ebda perikolu. Illi t-Tribunal huwa ta' fehma oħra. Huwa veru li essenzjalment il-ħruġ minn ġol-parking mhux se jiġi ostakolat però l-perikolu li se jiġi kkreat huwa aktar milli ovvju b'karozzi jduru mal-area proposta għall-imwejjed u siġġijiet biex joħorġu mill-istess* parking *u dan stante li ċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi hija minn passaġġ u mhux triq. Jiġi rilevat ukoll illi l-ħruġ mill-istess* parking area *jinsab f'liwja fejn m'hemmx viżibilità fit-tul u fejn it-traffiku ġieli jgħaddi b'veloċità. Dan biex wieħed ma jsemmix illi l-istess area rikjesta qiegħda ħdejn* loading/unloading bay *u kwindi se jkun qed jiġi ġġenerat ċertu moviment ta' trakkijiet kbar u medji li jħottu l-merkanzija. Dan kollu ifisser illi l-element ta' perikolu u restrizzjoni fl-immanuvrar ġewwa din il-wesgħa u fil-ħruġ minnha, huwa wieħed sinifikanti.*

*Għaldaqstant dan it-Tribunal ma jsib xejn irraġonevoli jew irregolari fid-deċiżjoni appellata.*

***Decide***

*Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

## <u>L-Appell</u>

7. Is-soċjetà appellanta ressqet l-appell tagħha mid-deċiżjoni tat-Tribunal fid-29 ta' Diċembru, 2020, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

*"... tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, datata għaxra (10) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), fl-ismijiet suesposti, b'dan illi tikkonferma t-teżi tal-appell tar-rikorrenti ppreżentata fl-għaxra (10) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u sussegwentement takkolji dan l-appell, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi ġudizzjarji kontra l-Awtorità tal-Artijiet."*

8. Is-soċjetà appellanta spjegat li r-rikors tal-appell tagħha huwa bbażat fuq tliet aggravji ewlenin. Qalet li t-Tribunal irrikonoxxa l-fatt li l-Awtorità tal-Artijiet mhix timxi b'konsistenza dwar il-mod kif tiddeċiedi dwar it-talbiet għal konċessjonijiet simili li jsirulha, imma t-Tribunal għażel li jiskarta din il-lanjanza tal-appellanta, u saħansitra qal li l-Awtorità għandha l-*vires* li tagħmel dan. L-appellanta qalet li quddiem it-Tribunal hija għamel riferiment għal diversi konċessjonijiet simili li ngħataw lil terzi, u għad li t-Tribunal irrikonoxxa dan kollu bħala prova valida, madanakollu xorta waħda għażel li ma jakkoljix tali prova bħala waħda li kapaċi tisposta l-ġudizzju tiegħu. L-appellant qal li ma jistax ikun li t-Tribunal l-ewwel jirrikonoxxi l-fatt li l-Awtorità appellata tat permessi għat-tpoġġija ta' mwejjed u siġġijiet fuq *parking bays,* imma mbagħad ikkonkluda li l-Awtorità mxiet korrettement. L-appellant qal li dan jammonta għal diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu, għaliex kien it-Tribunal stess li rrikonoxxa li hemm stabbilimenti f'sitwazzjoni simili b'permessi li ġew approvati. L-appellant qal li t-Tribunal donnu li qiegħed jirrikonoxxi li hemm din l-inkonsistenza, iżda xorta waħda qiegħed jagħti raġun lill-Awtorità appellata. Is-soċjetà appellanta staqsiet jekk jistax ikun li f'demokrazija wieħed jirrikonoxxi l-fatt li awtorità governattiva tagħti konċessjonijiet bħal dawn lil terzi, imma fl-istess ħin ma tagħtix konċessjonijiet simili lil persuni bħall-appellanta. Staqsiet ukoll x'inhi r-

raġuni għalfejn, ladarba ġie stabbilit li s-sitwazzjonijiet huma identiċi, l-Awtorità appellata mhix tadopera l-istess *policies* fil-każijiet kollha.

9. Is-soċjetà appellanta ħassitha aggravata wkoll għaliex fil-fehma tagħha l-Awtorità appellata qiegħda tkun inkonsistenti fid-deċiżjonijiet tagħha dwar applikazzjonijiet jew konċessjonijiet rispettivi. Spjegat li din l-inkonsistenza hija waħda diskriminatorja, u dak li qiegħda titlob hi, mhuwa xejn straordinarju jew li ser jikkawża xi preġudizzju għall-parkeġġi. Qalet li għalhekk huwa inġust li t-Tribunal jargumenta li l-fatt li kienu nħarġu xi permessi li kienu bi ksur tar-regolamenti tal-ippjanar, ma jfissirx li għandhom jibqgħu jinħarġu permessi bi ksur tal-istess regoli. L-appellanta qalet li kienet l-istess Awtorità appellata li kellha tippreżenta evidenza dwar ir-raġuni għalfejn wara li ngħataw permessi identiċi lil terzi, l-applikazzjoni tagħha ma kinitx timmerita l-istess trattament. Qalet ukoll li ma tistax tifhem x'inhi r-raġuni għalfejn, minkejja li t-Tribunal irrikonoxxa li hemm inkonsistenzi u vjolazzjonijiet fl-għoti ta' permessi simili lil terzi, iddeċieda li s-soċjetà appellanta m'għandhiex tingħata tali permess. L-appellanta qalet li l-Awtorità appellata aċċettat diversi talbiet minn stabbilimenti tal-ikel u x-xorb sabiex joħorġu mwejjed u siġġijiet fuq art pubblika, anki fil-viċinanzi tas-sit inkwistjoni, iżda ma tistax tifhem x'inhi r-raġuni għalfejn kienet l-applikazzjoni tagħha li ġiet rifjutata, mingħajr ma ġie spjegat lilha li kien hemm bidla fit-trattament abbażi ta' raġunijiet u kriterji oġġettivi. Is-soċjetà appellanta qalet li huwa minnu li l-*policies* jistgħu jinbidlu minn żmien għal żmien, iżda f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda bidla fil-*policies* u kienet biss l-Awtorità appellata li għażlet li timxi b'mod li mhux konsistenti ma' kull applikant. Qalet li l-pożizzjoni tagħha hija identika għal dik ta' terzi li talbu permess simili għal tagħha u tali permess ingħatalhom. Is-soċjetà appellanta

qalet li dan l-aggravju tagħha għandu sinifikat partikolari meta wieħed iqis li ċ-ċanfira fid-deċiżjoni tat-Tribunal fil-konfront tal-Awtorità appellata kien li din tkun konsistenti fid-deċiżjonijiet li tieħu f'każijiet simili jew saħansitra identiċi. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna fejn ingħad illi kull entità governattiva li tista' tieħu deċiżjonijiet li jaffettwaw lil terzi, trid tieħu in massima konsiderazzjoni l-konsistenza fid-deċiżjonijiet u l-prinċipju ta' deċiżjonijiet ugwali f'każijiet simili. Is-soċjetà appellanta qalet li b'riferiment għall-prinċipju *ceribus paribus,* it-Tribunal ma setax jgħid li s-soċjetà appellanta ppruvat li ma kienx hemm konsistenza, jagħti ċanfira dwar dan lill-Awtorità, imma fl-istess ħin jgħid li m'hemmx soluzzjoni għaliex l-Awtorità aġixxiet fid-diskrezzjoni tal-poteri tagħha. L-appellanata qalet li dan il-ħsieb huwa insensat u bi preġudizzju għaliha, u deċiżjoni bħal din ma tawspikax għal pajjiż b'istituzzjonijiet demokratiċi fejn il-liġi tapplika b'mod ugwali għal kulħadd.

10. It-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta huwa dwar il-fatt li hija ġiet ikkundannata tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża. Qalet li ladarba kien it-Tribunal stess li rrikonoxxa li kien hemm inkonsistenza da parti tal-Awtorità appellata, u ta ċanfira dwar dan lill-Awtorità appellata, wieħed għandu jifhem li t-Tribunal wasal ukoll biex indirettament irrikonoxxa li fil-mertu l-Awtorità appellata hija żbaljata. Is-soċjetà appellanta tissuġġerixxi illi jekk l-aggravji tagħha ma jiġux milqugħa, id-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tiġi varjata fis-sens li kull parti għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tagħha.

**Ir-Risposta tal-Appell**

11. Fir-risposta tagħha l-Awtorità appellata wieġbet li fi proċeduri bħal dawn is-setgħat tat-Tribunal jemanu mill-Kap. 490 u l-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta, u skont l-artikolu 57 tal-Kap. 563 it-Tribunal huwa kompetenti sabiex jiddetermina l-oġġezzjonijiet li jsiru għal xi deċiżjoni tal-Awtorità. Żiedet tgħid li għalhekk it-Tribunal kien kompetenti biex jeżamina jekk hija aġixxietx b'mod li jista' jitqies li huwa raġonevoli meta ħadet id-deċiżjoni tagħha, u dan mingħajr ebda konsiderazzjoni għal xi deċiżjoni oħra. L-Awtorità appellata qalet li d-deċiżjoni tat-Tribunal ma kinitx kontradittorja, għaliex dan qal li anki f'każ li l-Awtorità appellata ħarġet xi permessi, fil-każ odjern għandha titqies li mxiet korrettement, u s-soċjetà appellanta għandha rimedji oħra f'każ li jidhrilha li l-Awtorità appellata mxiet mod ieħor f'każijiet identiċi għal tagħha. Imma żiedet tgħid li fil-fehma tagħha t-Tribunal kellu jiċħad il-ħames aggravju tas-soċjetà appellanta, għaliex it-Tribunal m'għandux il-kompetenza li jeżamina jekk id-deċiżjoni tal-Awtorità appellata kinitx diskriminatorja jew le.

12. L-Awtorità appellata qalet li t-tieni aggravju sollevat mill-Awtorità appellata jittratta b'mod dirett il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni, imma din il-kwistjoni ma taqax taħt il-kompetenza tat-Tribunal. Qalet li hija xorta waħda wriet li hemm differenza ċara bejn l-applikazzjoni tas-soċjetà appellanta fil-proċeduri odjerni u l-permessi li nħarġu fl-istess żona, u dan kif jirriżulta mix-xhieda ta' Kenneth Dingli, *case officer* tal-Awtorità. L-appellata qalet li r-raġunijiet għar-rifjut kienu bbażati fuq kriterji oġġettivi u validi, u żiedet tgħid li s-soċjetà appellanta fl-ebda waqt m'għamlet riferiment għall-fatt li fis-sit li applikat għalih hemm *unloading bay,* u għalhekk l-għoti ta' permess għat-

tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet f'dan is-sit jista' jikkawża periklu kemm lill-klijenti tagħha kif ukoll lill-pubbliku b'mod ġenerali. L-Awtorità appellata tgħid ukoll li s-soċjetà appellanta m'għamlet l-ebda riferiment għall-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal fir-rigward tas-sitt aggravju mressaq quddiemu mis-soċjetà appellanta. L-appellata qalet li jirriżulta li t-Tribunal ikkonsidra d-deċiżjoni tagħha fit-totalità tagħha, u għalhekk wieħed ma jistax janalizza biss parti mid-deċiżjoni. L-Awtorità appellata qalet li minkejja li s-soċjetà appellanta qiegħda tipprova targumenta li t-Tribunal kellu jsib li d-deċiżjoni tal-Awtorità kienet waħda diskriminatorja, u wara kellu jiddikjara li d-deċiżjoni tagħha kienet irraġonevoli u għalhekk kellha tiġi revokata, madanakollu fil-fehma tal-Awtorità, it-Tribunal lanqas biss kellu jasal sal-punt li jikkonferma li f'dan il-każ kien hemm xi forma ta' diskriminazzjoni. Qalet li filwaqt li hija tifhem l-importanza tal-prinċipji tal-*procedural expectation* u *ceribus paribus,* fl-istess ħin dawn il-prinċipji ma jistgħux jintużaw biex jiġġustifikaw kull applikazzjoni mingħajr eżami fid-dettall tagħha. Qalet ukoll li l-applikazzjoni u t-talba tal-appellanta fiha għadd ta' differenzi minn sitwazzjonijiet oħra fiż-żona, inkluż il-periklu li ser jiġi kkawżat jekk l-applikazzjoni tas-soċjetà appellanta tiġi milqugħa. Qalet li huwa għalhekk li kull applikazzjoni trid tiġi eżaminata fuq il-mertu speċifiku tagħha. L-appellata qalet li lanqas mhuwa minnu dak li ntqal li l-*encroachments* kollha fiż-żona ġew deċiżi abbażi tal-istess *policies* li kienu *in vigore* fiż-żmien meta ġiet ikkonsidrata l-applikazzjoni tal-appellanta, b'għadd konsiderevoli minnhom li ngħataw saħansitra minn predeċessuri tal-Awtorità tal-Artijiet. B'riferiment għall-prinċipju *ceribus paribus,* l-Awtorità appellata qalet li dan huwa prinċipju ġeneralment użat fi proċeduri marbuta mal-ippjanar, u għandu x'jaqsam mal-konsistenza. Żiedet tgħid li għandu jkun hemm il-konsistenza f'każijiet u

sitwazzjonijiet identiċi u mhux fejn l-aċċettazzjoni ta' applikazzjoni tista' tkun ta' periklu għaċ-ċittadin. L-appellata qalet li l-funzjoni prinċipali tagħha hija li tamministra l-art pubblika sabiex isir l-aħjar użu minnha, skont l-artikolu 7(2)(ċ) tal-Kap. 563. Qalet li għaldaqstant, filwaqt li kull applikazzjoni għandha tiġi eżaminata fuq il-mertu tagħha, l-ebda kwistjoni ta' konsistenza ma tista' tiġġustifika illi l-Awtorità appellata talloka l-użu tal-art inkwistjoni b'titolu ta' *encroachment,* meta taf li dan jista' jkun ta' periklu għall-pubbliku. Qalet li kieku hija approvat tali *encroachment,* kienet tkun qiegħda taġixxi bi ksur tal-Kap. 563. L-Awtorità appellata qalet li f'każ li s-soċjetà appellanta riedet tappella mid-deċiżjoni tagħha abbażi ta' diskriminazzjoni, hija kellha alternattivi legali oħra quddiem fora oħra, iżda mhux quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

13. B'riferiment għat-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta, l-Awtorità appellata qalet li l-proċeduri odjerni huma intiżi sabiex tiġi eżaminata deċiżjoni speċifika mogħtija minnha, u għalhekk anki l-ispejjeż relatati ma' dawn il-proċeduri għandhom jiġu deċiżi fid-dawl tal-eżami li jkun sar fir-rigward tal-istess deċiżjoni u mhux fir-rigward ta' affarijiet oħra. Qalet li dan huwa aktar importanti meta wieħed iqis li t-Tribunal ma kellux jikkonsidra l-kwistjoni tad-diskriminazzjoni *ab initio.* L-Awtorità appellata qalet li l-appell tas-soċjetà appellanta kien jikkonsisti f'sitt aggravji, u mhux biss mill-ħames aggravju, u għalhekk il-kwistjoni tal-ispejjeż trid tiġi deċiża fid-dawl ta' dak kollu li ġie rilevat fir-rigward tal-aggravji l-oħra, u mhux sempliċiment fil-kuntest ta' aggravju partikolari. Qalet li għalhekk għandu jiġi deċiż li t-Tribunal kien korrett fil-mod kif iddeċieda dwar l-ispejjeż.

## L-Appell Inċidentali

14. L-Awtorità appellata ressqet appell inċidentali dwar il-mod kif it-Tribunal ikkonsidra l-ħames aggravju tal-appellanta, b'riferiment speċifiku għall-parti tad-deċiżjoni fejn ġie deċiż li mill-provi verament jirriżulta dak li ġie allegat mis-soċjetà appellanta. Qalet li b'hekk it-Tribunal ikkonferma li tassew kien hemm xi forma ta' diskriminazzjoni, u dan allavolja wara qies li jekk l-Awtorità mxiet mod ieħor f'każijiet identiċi, kien hemm azzjonijiet oħra li s-soċjetà appellanta setgħet tirrikorri għalihom. L-Awtorità spjegat li l-funzjoni tat-Tribunal hija waħda ta' reviżjoni ta' atti amministrattivi, *ai termini* kemm tal-Kap. 490 u tal-Kap. 563. Qalet li l-artikolu 7 tal-Kap. 490 jispeċifika li t-Tribunal għandu l-kompetenza li jirrevedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' fatt u ta' liġi, u l-artikolu 57 tal-Kap. 563 jagħti d-dritt lil kull persuna aggravata minn xi deċiżjoni, att amministrattiv, jew piena deċiżi jew imposti mill-Awtorità appellata, li jressaq l-oġġezzjonijiet tiegħu quddiem it-Tribunal. Qalet li għalhekk dan l-artikolu jiddelinea b'mod ċar u inekwivoku l-kompetenza tat-Tribunal.

15. L-Awtorità appellata, fl-aggravju mressaq minnha fl-appell inċidentali tagħha, qalet li t-terminu 'reviżjoni' huwa terminu speċifiku u li jirreferi għall-kompetenza speċifika sabiex it-Tribunal jeżamina deċiżjoni speċifika li taggrava lill-appellant, u t-Tribunal mhuwiex qorti tal-appell li qed jeżamina l-korrettezza tad-deċiżjoni tal-Awtorità, iżda huwa Tribunal li għandu l-kompetenza li jissorvelja l-legalità ta' deċiżjoni amministrattiva, u jiddeċiedi jekk din kinitx raġonevoli jew le. L-appellanta inċidentali qalet li t-Tribunal lanqas m'għandu kompetenza jiddetermina u jiddeċiedi kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali,

fosthom dawk dwar diskriminazzjoni. L-Awtorità appellata qalet li anki f'każ li t-Tribunal ried jindika li hemm azzjonijiet oħra li wieħed seta' jieħu fir-rigward tal-allegata diskriminazzjoni, it-Tribunal qatt ma kellu jkun hu li jagħti deċiżjoni dwar dan.

**<u>Ir-Risposta għall-Appell Inċidentali</u>**

16. Is-soċjetà appellanta wieġbet li t-Tribunal kien korrett meta ppronunzja ruħu bil-mod kif għamel dwar l-aggravju sollevat minnha, jiġifieri li hija sfat diskriminata. Qalet li l-Awtorità tal-Artijiet għamlet riferiment għall-artikolu 7 tal-Kap. 490 u l-artikolu 57 tal-Kap. 563 sabiex issostni li l-mod kif ippronunzja ruħu t-Tribunal imur oltre l-*vires* legali tiegħu. L-appellata inċidentali ċċitat l-artikolu 3(2) tal-Kap. 490, li jgħid li tribunal amministrattiv għandu jassigura li l-partijiet jingħataw smigħ xieraq, u li jiġu osservati l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, kif ukoll li tribunal amministrattiv għandu jkun f'qagħda li jeżamina kull punt ta' natura fattwali u legali rilevanti għall-każ ippreżentat mill-partijiet skont il-liġi applikabbli. L-appellata inċidentali qalet li meta wieħed jaqra sew dan l-artikolu, jifhem għaliex il-leġiżlatur għażel li jispeċifika li t-Tribunal għandu jkollu l-*vires* li jeżamina kemm punti ta' natura legali kif ukoll dawk ta' natura fattwali, għaliex il-bażi wara dan kollu huwa l-ħarsien tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk għandu jirriżulta li t-Tribunal mhux biss kellu dritt jippronunzja ruħu kif għamel, iżda kien neċessarju għalih li jagħmel hekk, għaliex fin-nuqqas ikun qiegħed jipperikola għalkollox il-prinċipji regolaturi li abbażi tagħhom u għas-salvagwardja ta' liema t-Tribunal ġie speċifikament kostitwit. L-appellanta qalet li huwa paċifikament stabbilit li t-

tribunali kollha ta' kwalsiasi forma u attribuzzjoni għandhom jirrispettaw ir-regoli importanti u fundamentali tal-ġustizzja naturali, u li dawn ir-regoli jesiġu parità ta' trattament mal-partijiet in kawża. Żiedet tgħid li l-osservanza tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali hija kardinali f'kull proċediment ġudizzjarju jew quasi-ġudizzjarju, u n-non-osservanza tal-istess twassal għan-nullità tal-proċedimenti u tal-eventwali sentenzi mogħtija fihom.

17. Qalet li dak li ġie msemmi fl-aggravju sollevat mill-Awtorità fl-appell inċidentali tagħha, ma jistax u ma għandux jiġi applikat jew ikkunsidrat għaliex imur għalkollox kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali li t-Tribunal huwa fid-dmir li jħaddan u josserva. Is-soċjetà appellata ċċitat l-artikolu 57 tal-Kap. 563, li jgħid li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti biex jisma' u jiddetermina l-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità. Qalet li dak li għamlet hi min-naħa tagħha kien li intavolat oġġezzjoni bħala parti aggravata minn deċiżjoni meħuda mill-Awtorità tal-Artijiet. Is-soċjetà appellanta qalet li hija kellha kull dritt li tappella minħabba inġustizzja li hija stess qiegħda ssofri kawża tal-istess Awtorità, u l-Awtorità tal-Artijiet qiegħda tkun disrispettuża meta tippretendi li t-Tribunal ma jippronunzjax ruħu fuq il-fatti li jirriżultaw mill-atti, bħal donnha kienet kuntenta biss jekk it-Tribunal jagħti raġun lilha mingħajr ma jiġbed l-attenzjoni dwar żbalji evidenti u li jemerġu mill-provi fil-konfront tal-istess Awtorità. L-appellanta qalet li kienet l-Awtorità tal-Artijiet li kellha l-obbligu in vista tal-provi li jirriżultaw mill-atti dwar permessi identiċi lil terzi, li tippreżenta prova għaliex l-applikazzjoni odjerna ma timmeritax l-istess trattament illi ngħata lil applikazzjonijiet oħra. Qalet li l-element mankanti f'dan kollu huwa li l-Awtorità

appellata kellha l-obbligu li ġġib prova għaliex dan il-każ huwa differenti minn oħrajn qablu, u għaliex il-*policies* ma jiġux applikati bl-istess mod fir-rigward ta' kull applikazzjoni. L-appellanta kompliet tgħid li l-Awtorità appellata kellha obbligu tispjega għalfejn aċċettat sensiela ta' talbiet minn stabbilimenti tal-ikel u x-xorb sabiex joħorġu mwejjed u siġġijiet fuq art pubblika, inkluż fil-viċinanzi tas-sit inkwistjoni, u dan sabiex ma jkunx hemm abbużi, kif ukoll fl-interess tas-suq liberu. Qalet li dan qed jintqal b'riferiment għall-prinċipju *ceribus paribus,* li jirrivolvi madwar il-prinċipju li għandu jkun hemm konsistenza f'deċiżjonijiet li jinvolvu l-applikazzjonijiet ta' terzi, liema prinċipju huwa ben rifless u kostanti mal-prinċipju tan-*natural justice.* Kompliet tgħid li kwalunkwe entità governattiva għandha timxi fuq il-prinċipji ta' ġustizzja naturali u ta' ekwità, u l-prinċipju ta' *ceribus paribus* mhu xejn għajr xempju attwali ta' dawn ir-regoli.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

18. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi mressqa mill-partijiet rispettivi, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Bord fis-sentenza appellata u s-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet. L-appell tas-soċjetà appellanta huwa bbażat fuq tliet aggravji ewlenin, wara li din ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal li ta raġun lill-Awtorità appellata fid-deċiżjoni fejn irrifjutat t-talba li saritilha mis-soċjetà appellanta għat-tqegħid ta' mwejjed, siġġijiet u umbrelel f'art pubblika.

*L-ewwel aggravju:* *[it-Tribunal irrikonoxxa li l-Awtorità appellata mhijiex timxi b'konsistenza dwar l-applikazzjonijiet li jinġiebu*

*quddiemha, imma fl-istess ħin qal li din għandha l-*vires *tasal għal deċiżjonijiet bħal dawn]*

19. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħasset ruħha aggravata għaliex filwaqt li t-Tribunal irrikonoxxa li l-Awtorità tal-Artijiet mhijiex timxi b'konsistenza fil-mod kif tiddeċiedi dwar talbiet għal konċessjonijiet simili, fl-istess ħin it-Tribunal iddeċieda li l-Awtorità appellata għandha l-*vires* tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. Qalet li minkejja li hija ġabet provi li kien hemm terzi li ngħataw konċessjonijiet simili u ngħataw permess iqiegħdu mwejjed u siġġijiet f'art pubblika saħansitra fl-istess żona, l-applikazzjoni tagħha ġiet rifjutat, u għalhekk hija sfat diskriminata. Qalet ukoll li ladarba hija ġabet provi li l-Awtorità tal-Artijiet imxiet b'mod differenti f'sitwazzjonijiet identiċi għal dik odjerna, it-Tribunal kellu jasal għal konklużjoni differenti minn dik li wasal għaliha għaliex l-Awtorità appellata għandha l-obbligu li tapplika l-istess *policies* fil-każijiet kollha li jitressqu għall-konsiderazzjoni tagħha.

20. Il-Qorti qieset li mill-provi jirriżulta li wara li s-soċjetà appellanta ressqet talba quddiem l-Awtorità tal-Artijiet, sabiex tingħata permess tpoġġi mwejjed, siġġijiet u umbrelel fis-sit, hija ġiet infurmata mill-istess Awtorità li tali permess kien qiegħed jiġi rifjutat għal erba' raġunijiet ewlenin, fosthom li s-sit huwa f'żona bi spazji allokati għall-parkeġġ tal-vetturi, li jekk jingħata l-permess ser tiġi mblukkata *exit* minn post privat, u li ser tkun qiegħda tiġi ostakolata żona maħsuba għall-ħatt ta' merkanzija minn fuq trakkijiet li jwasslu l-provvisti *f'supermarket* li hemm fl-inħawi. Mill-provi jirriżulta wkoll li minkejja li fl-istess inħawi hemm stabbilimenti oħra li ngħataw permess iqiegħdu mwejjed u

siġġijiet f'art pubblika, dawn ma kellhomx sitwazzjoni li tista' titqies 'identika' għal dik tas-soċjetà appellanta.

21. Il-Qorti qieset ix-xhieda tal-*case officer* tal-Awtorità appellata Kenneth Dingli, li quddiem it-Tribunal xehed dwar applikazzjonijiet simili għal dik tas-soċjetà appellanta, minn fejn jirriżulta li għalkemm huwa minnu li hemm terzi li għandhom permess simili għal dak li qiegħed jintalab mill-appellanta, fl-ebda wieħed minn dawn il-każijiet l-oħra ma jista' jintqal li hemm sitwazzjoni 'identika' għal dik tas-soċjetà appellanta. Il-Qorti tirrileva li t-Tribunal għamel analiżi tas-sitwazzjoni preżenti, u wara li kkonsidra l-provi kollha li kellu quddiemu, wasal għall-konklużjoni li l-Awtorità appellata kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha li tirrifjuta l-permess mitlub. It-Tribunal wasal għal din il-konklużjoni wara li qies li huma erba' l-problemi ewlenin bis-sit fejn is-soċjetà appellanta qiegħda titlob li tingħata *encroachment permit*, fosthom (i) li ser jonqsu il-postijiet ta' parkeġġ f'żona li diġà għandha d-diffikultajiet tagħha bl-ammont ta' vetturi li jiffrekwentawha; (ii) li jekk jingħata l-permess mitlub ser jinħoloq periklu żejjed għan-nies u għall-ħaddiema tas-soċjetà appellanta li jridu jservu l-ikel u xorb fuq imwejjed u siġġijiet viċin żona li fiha jidħlu numru ta' vetturi jfittxu post ta' parkeġġ; u (iii) li b'dawn l-imwejjed u siġġijiet ser jinħoloq periklu għal min ikun irid joħroġ fit-triq; (iv) u ser jinħoloq ostakolu għas-sewwieqa tat-trakkijiet li għandhom *unloading bay* li jagħmlu użu minnha kull darba li jmorru jwasslu l-provvisti fis-*supermarket* li hemm fl-inħawi. Dawn kienu kollha konsiderazzjonijiet li għamlet l-Awtorità appellata qabel waslet għad-deċiżjoni finali tagħha, u t-Tribunal, fl-evalwazzjoni tiegħu ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li wasslu għad-deċiżjoni ta' rifjut tal-Awtorità, wasal għall-

konklużjoni li d-deċiżjoni tal-Awtorità appellata kienet waħda korretta fiċ-ċirkostanzi. Dan wara li t-Tribunal qies li l-Awtorità appellata hija r-regolatur dwar kwistjonijiet ta' amministrazzjoni ta' art pubblika, li għandha obbligu impost fuqha bil-liġi li tassigura li l-art pubblika tintuża bl-aħjar mod possibbli. It-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-Awtorità tal-Artijiet kienet korretta meta qieset li fl-aħjar użu li seta' jsir minn din l-art, ċertament li din ma kelliex tingħata b'*encroachment* sabiex jitqiegħdu mwejjed u siġġijiet mis-soċjetà appellanta.

22. Il-Qorti, filwaqt li fil-prinċipju taqbel mas-sottomissjoni tas-soċjetà appellanta li każijiet identiċi għandhom jiġu deċiżi billi jiġu applikati l-istess *policies*, madanakollu ma tistax taċċetta l-aggravju tas-soċjetà appellanta li l-permessi mogħtija fil-każijiet l-oħra kienu 'identiċi' għall-permess mitlub minnha. Il-Qorti tqis li filwaqt li porzjon art partikolari jista' jkun idoneu biex fuqu jingħata permess għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet, il-porzjon art ta' biswitu jista' jkun li jkun hemm il-ħtieġa li jitħalla liberu għal użu ieħor. Il-Qorti tirrileva li meta operatur japplika biex jingħata biċċa art pubblika fejn ipoġġi mwejjed u siġġijiet bl-iskop li jkabbar in-negozju tiegħu, ser ikun hemm numru ta' persuni oħra, inkluż il-pubbliku in ġenerali, li ser jisfaw imċaħħda mill-użu ta' din l-art. Fil-każ odjern l-Awtorità tal-Artijiet waslet għall-konklużjoni li m'għandhiex talloka aktar art pubblika għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet, għaliex dik l-istess art hija meħtieġa minn diversi persuni oħra li jridu jipparkjaw fl-inħawi u mid-diversi *suppliers* li jridu jwasslu l-merkanzija lis-*supermarket* li hemm fl-inħawi.

23. Il-Qorti, filwaqt li tifhem l-importanza li jkun hemm konsistenza fl-applikazzjoni tal-*policies* li jirregolaw l-għoti ta' konċessjonijiet bħal dawn, fl-

istess waqt mhijiex tal-fehma li l-applikazzjoni tas-soċjetà appellanta tista' titqies li hija 'identika' għal dik ta' operaturi oħra fl-istess inħawi. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema Ingliża fl-ismijiet **Gallaher Group Limited et *vs.* The Competition and Markets Authority**, deċiża fis-16 ta' Mejju, 2018, fejn inkiteb illi:

> "*Whatever the position in European Law or under other constitutions or jurisdictions, the domestic law of this country does not recognise equal treatment as a distinct principle of administrative law. Consistency, as Lord Bingham said in the passage relied on by the appellant (para. 19 above) is a 'generally desired objective, but not an absolute rule'.*

24. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-ebda operatur jew stabbiliment m'għandu xi jedd awtomatiku li jingħata *encroachment* ta' art pubblika sabiex ikun jista' jkabbar il-*footprint* minn fejn jopera, u meta l-Awtorità tal-Artijiet tagħti konċessjonijiet bħal dawn, din tirriserva d-dritt li tittermina l-konċessjoni bi preavviż qasir. Il-Qorti tifhem li dan mhuwa ta' ebda konfort għal min huwa fis-sitwazzjoni tas-soċjetà appellanta, iżda ma tistax ma taqbilx mal-konklużjoni milħuqa mit-Tribunal, li f'dan il-każ l-Awtorità tal-Artijiet imxiet b'mod korrett, għaliex il-provi li ressqet is-soċjetà appellanta mhumiex dwar sitwazzjonijiet *identiċi* għal dik tagħha, u ma jistax jintqal li d-deċiżjoni tal-Awtorità quddiem il-fattispeċie ta' dan il-każ ma kinitx waħda raġonevoli meta wieħed iqis id-diversi diffikultajiet senjalati minnha. Għalhekk tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[l-Awtorità appellata kellha l-obbligu li tipprova kif dan il-każ huwa differenti minn dawk ta' qablu]*

25. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ressqet biżżejjed provi sabiex turi li nħarġu permessi lil terzi f'sitwazzjonijiet identiċi għal tagħha, u minkejja li fil-każ odjern l-Awtorità tal-Artijiet qalet li ser ikun hemm numru ta' vjolazzjonijiet, dawn il-vjolazzjonijiet ma ġewx senjalati fil-każijiet l-oħra. Qalet li l-Awtorità appellata kellha l-obbligu li tipprova kif dan il-każ huwa differenti minn dawk ta' qablu, u għaliex il-*policies* tal-Awtorità ma jiġux applikati bl-istess mod għall-applikazzjonijiet kollha. Qalet li l-Awtorità appellata fl-aħħar snin aċċettat diversi talbiet għall-għoti ta' permessi għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet f'art pubblika, u għalhekk fil-każ odjern ma kellhiex tiċħad it-talba tagħha, jew inkella kellha tiġġustifika l-bidla fit-trattament b'raġunijiet bażiċi u oġġettivi. L-appellanta argumentat li ladarba hija rnexxielha tipprova li f'dan il-każ mhemmx konsistenza, u ladarba t-Tribunal stess ta ċanfira lill-Awtorità għaliex din mhijiex tkun konsistenti fl-applikazzjoni tal-*policies* adoperati minnha, it-Tribunal ma kellux jiddeċiedi li l-Awtorità aġixxiet skont il-poteri tagħha.

26. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa simili ħafna għal ta' qablu, u għalhekk ftit li xejn għandha x'iżżid ma' dak li hija diġà kkostatat fir-rigward tal-ewwel aggravju. Jirriżulta li minkejja li s-soċjetà appellanta ressqet diversi provi li operaturi oħra fl-istess inħawi ngħataw permess jokkupaw art pubblika fejn hemm *parking bays,* madanakollu f'dan il-każ l-Awtorità tal-Artijiet indikat għadd ta' diffikultajiet oħra li affettwaw il-ġudizzju tagħha fir-rigward tat-talba li saritilha mis-soċjetà appellanta. Dawn id-diffikultajiet, fosthom li ser tiġi affettwata *unloading bay* għat-trakkijiet tal-merkanzija li jissupplixxu l-provvisti lil supermarket fl-inħawi, il-fatt li l-*waiters* u l-klijenti tas-soċjetà appellanta ser jispiċċaw ikollhom jaħdmu jew jiġu servuti f'żona fejn jidħlu diversi vetturi jfittxu

post għall-parkeġġ, b'periklu evidenti għalihom, u l-fatt li l-ħruġ tal-vetturi miż-żona proposta jrid isir minn liwja fejn m'hemmx viżibilità fit-tul u fejn il-vetturi jgħaddu b'ċerta veloċità, ilkoll affettwaw il-ġudizzju tal-Awtorità tal-Artijiet meta din ġiet biex tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni tas-soċjetà appellanta.

27. L-appellanta baqgħet issostni li hija ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni dwar għalfejn l-applikazzjoni tagħha ġiet rifjutata, iżda mill-provi miġjuba quddiem it-Tribunal, jirriżulta bl-aktar mod ampju li dan mhux il-każ, għaliex l-ittra li ntbagħtet lill-appellanta mill-Awtorità tal-Artijiet hija waħda dettaljata u motivata. Irid jintqal li l-*case officer* tal-Awtorità appellata Kenneth Dingli, xehed xejn anqas minn tliet darbiet quddiem it-Tribunal sabiex jispjega x'kien li wassal lill-Awtorità tal-Artijiet għad-deċiżjoni tagħha, u l-ittra li ntbagħtet lis-soċjetà appellanta kienet waħda motivata sew, u li tispjega fid-dettall ir-raġunijiet għalfejn l-Awtorità appellata ċaħdet l-applikazzjoni tal-appellanta. Is-soċjetà appellanta argumentat ukoll li f'każijiet bħal dawn irid jiġi osservat il-prinċipju *ceribus paribus* u għalhekk it-Tribunal ma setax jirrikonoxxi li m'hemmx konsistenza fl-applikazzjoni tal-*policies,* u jwissi lill-Awtorità appellata dwar dan, imma jibqa' ma jagħti l-ebda rimedju lis-soċjetà appellanta. Il-Qorti tirrileva li l-prinċipju *ceribus paribus* japplika biss fejn is-sitwazzjonijiet li qegħdin jitqabblu huma identiċi għal xulxin, '*all things being equal*', u mill-provi prodotti jirriżulta li s-sitwazzjonijiet li tagħmel riferiment għalihom is-soċjetà appellanta mhumiex identiċi għall-każ tagħha, anki jekk simili għal xulxin. '*All things being equal'* tfisser li l-applikazzjonijiet jimmeritaw l-istess trattament biss f'dawk il-każijiet fejn iċ-ċirkostanzi huma identiċi, u mhux meta hemm iċ-ċirkostanzi speċifiċi u

partikolari li ġew issenjalati. Tqis għalhekk li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[l-ispejjeż tal-kawża]*

28. Is-soċjetà appellanta qalet li ladarba rrikonoxxa li l-Awtorità appellata mhijiex tkun konsistenti fl-applikazzjoni tal-*policies* tagħha, it-Tribunal ma kellux jiddeċiedi li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu sopportati mis-soċjetà appellanta. Dan għaliex b'mod indirett, bid-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal irrikonoxxa li s-soċjetà appellanta għandha raġun fil-pożizzjoni li ħadet f'dawn il-proċeduri.

29. Il-Qorti tirrileva li meta wieħed jikkonsidra li fir-rikors tal-appell li s-soċjetà appellanta ressqet quddiem it-Tribunal, din issenjalat sitt aggravji b'kollox*,* u kien biss fir-rigward tal-ħames aggravju tagħha li t-Tribunal aċċetta li mill-provi prodotti mill-appellanta, jirriżulta li jeżistu sitwazzjonijiet fejn art pubblika ngħatat b'*encroachment* allavolja kien hemm *parking bays,* u minkejja li l-istess art ma kinitx tinsab eżattament quddiem l-istabbiliment kummerċjali li talab l-*encroachment permit*. Imma t-Tribunal fil-konsiderazzjonijiet tiegħu qies wkoll li l-*encroachment permit* li ntalab mis-soċjetà appellanta ġie miċħud minħabba numru ta' fatturi oħra, fosthom il-periklu li ser jinħoloq għall-pubbliku f'każ li dan il-permess jingħata, b'differenza mill-każijiet l-oħra kollha li ġabet prova tagħhom is-soċjetà appellanta. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ssibx li hemm lok fejn tvarja d-deċiżjoni dwar il-kap tal-ispejjeż u dan għaliex essenzjalment l-ebda wieħed mill-aggravji sollevati

mis-soċjetà appellanta ma ntlaqa' fl-intier tiegħu u d-deċiżjoni aħħarija tat-Tribunal kienet li kkonfermat id-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet, għaliex ma sab xejn irraġonevoli jew irregolari fiha. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

**<u>L-Appell Inċidentali</u>**

30. L-Awtorità appellata qalet li t-Tribunal ma kienx korrett jgħid li kien hemm diskriminazzjoni fil-mod kif ittieħdet id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tas-soċjetà appellata. Qalet li t-Tribunal għandu l-funzjoni li jirrevedi atti ta' amministrazzjoni *ai termini* tal-Kap. 490 u tal-Kap. 563, u r-reviżjoni ta' atti amministrattivi trid issir fuq punti ta' fatt u ta' liġi. Spjegat li 'reviżjoni' ta' atti ta' amministrazzjoni titfa' fuq it-Tribunal l-obbligu li jissorvelja l-legalità ta' deċiżjonijiet amministrattivi sabiex jiddeċiedi jekk kinux legali jew le, u għalhekk it-Tribunal ma kellux jiddeċiedi dwar allegata diskriminazzjoni sollevata mis-soċjetà appellanta.

31. Il-Qorti tirrileva li t-Tribunal ġie mwaqqaf sabiex jistħarreġ l-operat ta' entitajiet governattivi u jirrevedi, fejn mitlub, id-deċiżjonijiet amministrattivi meħuda minnhom. It-Tribunal huwa tenut li jassigura li l-partijiet li jersqu quddiemu jingħataw smigħ xieraq, u li jistħarreġ kull punt ta' natura legali u fattwali sollevati mill-persuni li jressqu l-lanjanzi tagħhom quddiemu. Fost il-lanjanzi li ressqet is-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha quddiem it-Tribunal kien hemm l-allegazzjoni li hija sfat diskriminata meta mqabbla ma' operaturi ta' stabbilimenti oħra fl-istess inħawi, li ngħataw permess bħal dak li

ġie mitlub minnha. Is-soċjetà appellanta qajmet din il-lanjanza wara li argumentat li l-każ tagħha huwa 'identiku' għal dak tal-imsemmija operaturi terzi, u l-paragun li kien qiegħed isir minnha kien qiegħed isir fuq bażi ta' *like with like,* li kif diġà ġie stabbilit, ma jirriżultax li huwa l-każ. It-Tribunal m'għamilx indaġni dwar jekk kienx hemm diskriminazzjoni mas-soċjetà appellanta abbażi ta' xi waħda mir-raġunijiet elenkati fil-Kostituzzjoni ta' Malta jew fil-Konvenzjoni Ewropea, iżda illimita ruħu għal stħarriġ dwar jekk l-appellanta ngħatatx trattament differenti minn persuni oħra li wkoll applikaw għal permess sabiex iqiegħdu mwejjed u siġġijiet fuq art pubblika fl-inħawi. Għaldaqstant anki l-użu tal-kelma 'diskriminazzjoni', fil-fehma ta' din il-Qorti huwa barra minn loku. It-Tribunal ikkonkluda wkoll, wara li eżamina l-provi li kellu quddiemu, li hemm istanzi fejn terzi ngħataw permess ipoġġu mwejjed u siġġijiet f'*parking bays* jew f'art li ma tinsabx eżattament biswit l-istabbiliment tagħhom. Iżda t-Tribunal qies li f'dan il-każ, dawn ma kinux l-uniċi fatturi li wasslu lill-Awtorità appellata tirrifjuta t-talba tas-soċjetà appellanta, iżda kien hemm konsiderazzjonijiet oħra li ġġustifikaw id-deċiżjoni tal-Awtorità, bħalma huwa l-punt li bil-permess mitlub mis-soċjetà appellanta ser jinħoloq periklu konsiderevoli għall-persuni li jużaw it-triq u għall-ħaddiema tal-istess soċjetà appellanta. It-Tribunal spjega li jekk is-soċjetà appellanta jidhrilha li f'każijiet 'identiċi' għal tagħha, l-Awtorità tal-Artijiet imxiet b'mod differenti minn kif imxiet magħha, is-soċjetà appellanta għandha azzjonijiet oħra għad-dispożizzjoni tagħha li tista' tagħmel użu minnhom. Din il-Qorti tqis li m'hemm x'jiġi ċċensurat fid-deċiżjoni tat-Tribunal, għaliex wara kollox dan qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u mhux biss l-element tad-'diskriminazzjoni' sabiex wasal għad-deċiżjoni dwar jekk l-azzjoni

amministrattiva li ttieħdet kinitix raġonevoli jew le. Tqis għalhekk li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-appell imressaq mis-soċjetà appellanta billi tiċħdu, u qiegħda tiċħad ukoll l-appell inċidentali tal-Awtorità appellata, filwaqt li qiegħda tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tal-10 ta' Diċembru, 2020 fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż tal-appell prinċipali għandhom jitħallsu mis-soċjetà appellanta, u l-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom jitħallsu mill-Awtorità appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**